



C/2024/90059

22.8.2024

**Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali — EPSO/AST/156/24 — Assistenti (AST 3) fl-oqsmha li ġejjin: 1. Ġestjoni finanzjarja 2. Kontabbiltà u teżor 3. Akkwist pubbliku**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C, C/2024/4525, il-25 ta' Lulju 2024)

(C/2024/90059)

Fil-paġna 7, it-Taqsima 5,

*minflok:* “5. OPPORTUNITAJIET INDAQS U AĠVOLAZZJONI RAĠONEVOLI

L-EPSO jagħmel l-almu tiegħu biex japplika politika ta' opportunitajiet indaqs fil-konfront tal-kandidati kollha.

Il-kandidati li għandhom xi diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista' taffettwa l-kapaċità tagħhom li jagħmlu t-testijiet, għandhom jindikaw dan fil-formola tal-applikazzjoni tagħhom u jimxu mal-proċedura biex jitolbu aġvolazzjoni raġonevoli kif deskritta fir-Regoli ġenerali annessi ma' dan l-avviż (ara l-Anness I, taħt it-Taqsima 1.3). Wara li jeżamina t-talba tal-kandidati kif ukoll id-dokumenti meħmuża rilevanti, l-EPSO jista' jikkonċedi aġvolazzjoni raġonevoli fejn jitqies neċessarju.

Fuq is-sit web tal-EPSO <sup>(6)</sup>, wieħed isib aktar informazzjoni dwar il-politika ta' opportunitajiet indaqs tal-EPSO u kif tista' tinalab aġvolazzjoni raġonevoli.”.

*aqra:* “5. OPPORTUNITAJIET INDAQS U ARRANĠAMENTI RAĠONEVOLI

L-EPSO jagħmel mill-aħjar li jista' sabiex japplika politika ta' opportunitajiet indaqs għall-kandidati kollha.

Il-kandidati li għandhom diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista' taffettwa l-kapaċità tagħhom li jagħmlu t-testijiet għandhom jindikaw dan fil-formola ta' applikazzjoni tagħhom u jimxu mal-proċedura biex jitolbu arranġamenti raġonevoli kif deskritt fis-sit web tal-EPSO <sup>(6)</sup>. Wara li jeżamina t-talba tal-kandidati kif ukoll id-dokumenti ta' sostenn rilevanti, l-EPSO jista' jikkonċedi arranġamenti raġonevoli fejn jitqies neċessarju.”.